Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 231/2019: RX CONSTRUCTION LIMITED (C85359) V. JESMOND FRIGGIERI (KI. 8370M)

(KOMPETENZA *RATIONE VALORIS* - META L-VALUR TA' TALBA RIKONVENZJONALI TKUN TEĊĊEDI L-KOMPETENZA TAL-ĠURISDIZZJONI TAL-QORTI – KAP. 12, ART. 47(1), ART. 741(B))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**11 ta' Jannar 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' RX Construction Limited ("ir-rikorrenti", "il-kumpanija rikorrenti" jew "il-kumpanija rikonvenuta") ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2019,

wara li kkunsidrat ir-risposta ta' Jesmond Friggieri ("l-intimat" jew "ir-rikonvenjent") ippreżentata fil-25 ta' Novembru 2019[1] kif ukoll il-kontrotalba tiegħu ppreżentata dakinhar stess[2];

wara li kkunsidrat ir-risposta tal-kumpanija rikonvenuta għall-kontrotalba tal-intimat[3];

wara li rat li fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2020 il-partijiet iddikjaraw illi ma' kellhomx provi xi jressqu fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-kumpanija rikonvenuta u għaldaqstant għaddew immedjatament għat-trattazzjoni fuq l-istess eċċezzjoni;

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-kumpanija rikonvenuta, mill-Avukat Alexander Schembri

[1] Fol 9
[2] Fol 10
[3] Fol 12

- tar-rikonvenjent, mill-Avukat Dr. Manuel Galea,

wara li rat li wara l-imsemmija trattazzjoni l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari tar-rikorrenti mressqa għall-kontrotalba tal-intimat,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża sa' issa,

qed tagħti din is-

## Sentenza parzjali

1. Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' għaxart elef mija u tnejn u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€10,182.50) rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' tmint elef u tnejn u ħamsin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€8,052.82) bħala l-bilanċ tal-prezz ta' xogħolijiet ta' kostruzzjoni li ġew eżegwiti mir-rikorrenti fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tal-intimat in konnessjoni mal-kostruzzjoni tal-fond 27, Flat 6, Triq San Ġużepp, Mosta, u in kwantu għas-somma ta' elfejn mija u disgħa u għoxrin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€2,129.68) bħala danni, konsistenti f'telf ta' qliegħ, li ġew ikkaġunati mill-intimat lir-rikorrenti meta dan ħall l-appalt in kwistjoni mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Ir-rikorrenti talbet ukoll l-imgħaxijiet legali kif ukoll l-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra legali datata 29 ta' Awwissu 2019.

2. L-intimat eċċepixxa illi:

    1. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti naqset milli teżegwixxi x-xogħolijiet kollha kif pattwiti ai termini tal-kuntratt ta' appalt datat 28 ta' Settembru 2018 u abbandunat il-lant tax-xogħol;

    2. Fit-tieni lok mhux biss l-intimat m'huwiex debitur fil-konfront tar-rikorrenti iżda talli hija din tal-aħħar illi hija debitriċi fil-konfront tiegħu billi x-xogħolijiet li wettqet ma' sarux skond is-sengħa u I-arti b'dan li sofra danni inġenti u għal tali fini ġiet intavolata ukoll kontrotalba;

    3. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-bilanċ dovut tax-xogħol li wettqet ir-rikorrenti huwa dak ta' tlett elef, wieħed u disgħin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€3,091.29);

4. Kienet ir-rikorrenti illi għar-raġunijiet tagħha għażlet Ii tittermina l-appalt mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u għaldaqstant l-ebda danni ma huma dovuti.

3. Fil-kontrotalba tiegħu l-intimat talab li din il-Qorti sabiex salv dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, tikkundanna lir-rikorrenti sabiex tħallsu s-somma ta' ħamest elef euro (€5,000) jew somma oħra verjuri rappreżentanti danni sofferti minnu meta r-rikorrenti ma' eżegwietx ix-xogħolijiet skond is-sengħa u l-arti u inoltre abbandunat l-appalt mingħajr raġuni valida fil-liġi b'dan illi l-intimat kellu jsib kuntrattur ieħor bil-għan illi jlestilu x-xogħolijiet mill-aktar fis.

4. Ir-rikorrenti eċċepiet is-segwenti għall-kontrotalba tal-intimat:

1. In linea preliminari, l-inkompetenza *ratione valoris* ta' din il-Qorti billi t-talba rikonvenzjonali taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, u mhux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), billi, skond l-Artikolu 3 (2) tal-Att dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta): "t-Tribunal għat-Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta'ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)";

2. Fil-mertu, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba rikonvenzjonali hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt billi m'huwiex minnu li l-kumpannija rikorrenti kkawżat xi danni lill-intimat minħabba xogħolijiet li ma sarux skond is-sengħa u I-arti kif allegat;

3. Fil-mertu, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba rikonvenzjonali hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt billi m'huwiex minnu li r-rikorrenti abbandunat l-appalt mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi kif allegat. Għal kuntrarju, kien l-intimat innifsu Ii ħall I-istess appalt mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, kif jirriżulta, fost oħrajn, mill-ittra legali tad-29 t' Awwissu 2019.

5. Din is-sentenza tikkonċerna biss l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-kumpanija rikorrenti għall-kontrotalba tal-intimat fis-sens illi skond l-istess rikorrenti din għandha taqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar u mhux taħt il-

kompetenza ta' din il-Qorti. Din l-eċċezzjoni taqa' taħt l-Art. 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi *inter alia* jipprovdi hekk:

'741. L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata:

...

(b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha ...'

6. It-talba tar-rikonvenjent hija sabiex il-Qorti tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenuta "**tħallsu s-somma ta' ħamest elef euro (€5,000) jew somma oħra verjuri**". Ir-rikorrenti tisħaq illi talba bħal din awtomatikament tiżboq il-kompetenza ta' din il-Qorti u taqa' minflok taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar u in sostenn iċċitat is-sentenzi **Jason Azzopardi v. Marija Bartolo** (ECLI:MT:CIVP:2019:115874, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Marzu 2019, 18/2019GM) u **Gheiti and Sons Limited v. Perit Arkitett Colin Zammit** (deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju 2011, 1321/2010 MC). L-intimat min-naħa tiegħu jargumenta illi din il-Qorti għandha tisma l-kontrotalba għaliex ma' jagħmilx sens illi l-kawżi jiġu spezzettati u fl-istess ħin argumenta ukoll illi huwa ma' għamilx talba limitata għal somma li taqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar iżda kkwalifika s-somma bħala €5,000 jew ammont ieħor verjuri. In sostenn tal-argumenti tiegħu l-intimat ikkwota s-sentenzi **C. Fino & Sons Limited v. Neville u Antoinette konjugi Bonnici** (mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2010, 719/2001/1 PS) u **Stephen Zahra v. Anthony Zahra** (mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 2005, 7/1995/2 PS).

*Sentenzi ċċitati mir-rikorrenti rikonvenuta*

7. **Jason Azzopardi v. Marija Bartolo**

Din il-kawża kienet tikkonċerna rikors intavolat minn Jason Azzopardi quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li kien inħareġ minn Marija Bartolo in kawtela ta' kontro-talba tagħha li intavolat preċedentement quddiem l-istess Qorti. Il-mandat inħareġ għas-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), somma li taqa' taħt il-kompetenza tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u mhux tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u r-rikors għar-revoka tal-mandat ġie intavolat proprju fuq din il-bażi. Il-Qorti laqgħet ir-rikors ta' revoka u qalet hekk:

*"Illi lanqas tista' tiġi radikata l-kompetenza ta' din il-Qorti minħabba li l-ammont kawtelat, huwa mertu ta' kontro-talba, u mhux ta' talba prinċipali, billi:*

*(i) ir-rikonvenzjoni tipproroga l-ġurisdizzjoni iżda mhux il-kompetenza:*

*Għalkemm hemm l-Artiklu 744 tal-kodiċi ritwali li jgħid li 'Id-disposizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan jgħoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni għal raġunijiet oħra, ma tistax tiġi proposta quddiem il-qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tiegħu; f'dan il-każ, it-talba tal-konvenut, jekk tkun konnessa mat-talba tal-attur għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 396, tista' ssir quddiem kull qorti oħra kompetenti f'Malta' għaliex dik id-disposizzjoni tirreferi għall-estenzjoni tal-ġurisdizzjoni u mhux tal-kompetenza."* Il-Qorti hawnhekk għamlet riferenza ukoll għall-kliem tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza **L. Spiteri Debono nomine vs C. Darmanin** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April 1930, Volum XXVII.i.886): *"La riconvenzione proroga la giurisdizione ma non la competenza, i cui canoni rimangano inalterati"*.

L-istess Qorti imbagħad kompliet li:

*"(ii) it-talba ewlenija ma tiġbidx magħha l-kontro-talba meta din tal-aħħar ma tkunx ta' kompetenza tal-istess Qorti:*

*(iia) Kif jgħid l-Onor. Imħallef Paolo Debono: 'Che dal testo risulta chiaro il concetto del legislatore di volere che la domanda principale e la domanda riconvenzionale siano separatamente considerate in ordine alla competenza; di maniera che il tribunale competente a prendere cognizione della prima, non tragga per cio' solo, a se' la seconda, quando questa per materia o per valore e' fuore dei suoi limiti'"*

Il-Qorti imbagħad għamlet riferenza għal dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza l-oħra ċitata mir-rikorrenti rikonvenuta f'din il-kawża, **Gheiti and Sons Limited v. Perit Arkitett Colin Zammit.**

*"(iib) Fi kliem l-Onor. Imħallef Mark Chetcuti: Għalkemm iż-żewġ kawżi jinstemgħu flimkien u dan in omaġġ għat-tendenza tal-Qorti lejn l-ekonomija tal-ġudizzju u dupplikar mhux neċessarju ta' proċeduri ġudizzjarji, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll illi fl-istitut tar-rikonvenzjoni*

*l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħidhom f'eżistenza indipendenti w awtonoma. Għalkemm fir-rikonvenzjoni hemm konnessjoni taż-żewġ kawżi, b'daqshekk ma jfissirx u wieħed ma għandux jifhem li l-kontrotalba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha. Għalhekk jekk għal xi raġuni t-talba prinċipali taqa' għal kwalisiasi raġuni, il- kontrotalba li ma titlifx minn natura tagħha ta' kawża indipendenti w awtonoma trid tkun kapaci tgħix waħedha. F'dan il-każ hemm ostakolu insormontabbli għax il-inkompetenza tal-Qorti ratione valoris tal-kontrotalba taħt l-artikoli 47 u artikolu 748(a) tal-Kap. 12 qua kawza awtonoma mhix waħda li tista' tiġi skartata la għall-ekonomija tal-ġudizzju u anqas għal nuqqas ta' dupplikar ta' proċedura"*

*Sentenzi ċċitati mill-intimat rikonvenjent*

8. L-intimat rikonvenjent iċċita s-sentenza **C. Fino & Sons Limited v. Neville u Antoinette konjugi Bonnici** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2010 (719/2001/1 PS). Jidher però li s-sentenza li kien qed jirreferi għaliha kienet dik *in parte* mogħtija preċedentement mill-Qorti tal-Maġistrati fl-atti tal-istess kawża mill-Maġistrat Dennis Montebello fis-27 tat' April 2005. F'din il-kawża l-intimati kienu għamlu kontrotalba għall-kundanna tal-kumpanija rikorrenti sabiex tħallashom is-somma ta' erba' mija u tnejn u sebgħin Lira Maltin (Lm 472) in linea ta' danni. Il-kumpanija rikorrenti eċċepiet b'mod preliminari n-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati *ratione valoris* billi bl-emendi ntrodotti fl-1 ta' Awissu, 2001, il-kompetenza tat-Tribunal għat-Talbiet Żgħar kienet żdiedet fil-valur minn mitejn u ħamsin lira Maltin (Lm 250) għal elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm1,500). Il-Qorti kienet ċaħdet l-eċċezzjoni u stqarret dan li ġej:

*"... it-talba tal-konvenuti, kieku mhux proposta bħala kontro talba, kienet definittivament taqa' barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti, billi stante li kienet ta' valur ta' inqas minn elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) il-kompetenza kienet tispetta lit-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar, u dana peress illi l-istess talba giet imressqa bl-eccezzjonijiet ipprezentati fis-17 ta' Settembru, 2001, u fi proceduri mibdijin mill-atturi fis-7 ta' Awissu, 2001; dejjem wara l-1 ta Awissu 2001.*

*Ghalhekk dak li trid tiddetermina l-Qorti huwa jekk, minhabba l-fatt biss illi t-talba tal-konvenuti giet imressqa bhala kontrotalba fil-proceduri li huma ta' kompetenza ta' din il-Qorti mibdijin mill-atturi, dan ghandux iwassal ghallaccettazzjoni ta' l-istess talba minn din il-Qorti bhala wahda li taqa' taht il-kompetenza taghha. Ossia jekk il-kontrotalba, ghar-raguni biss illi giet proposta fi proċeduri diga' pendenti quddiem din*

*il-Qorti fil-kompetenza taghha, u minhabba l-fatt illi din il-kontrotalba gejja mill-istess kuntratt illi minnu gejja t-talba ta' l-atturi, u jirrizulta wkoll illi l-iskop ta' l-istess kontrotalba tal-konvenuti huwa illi jpacu l-kreditu minnhom allegat mal-kreditu mitlub mill-atturi, ghandiex taqa fil-kompetenza taghha nonostante li tirrigwarda valur li huwa inqas minn dak stabbilit ghall-kompetenza taghha skond il-procedura civili. Apparti l-kwistjoni ta' l-valur, il-kontrotalba tal-konvenuti hija definittivament valida u accettabbli a tenur ta' l-Artikoli 396 u 397 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-istess Artikoli pero' ma jaghtu ebda ndikazzjoni ta' xi regoli li ghandhom jigu segwiti f'kazijiet simili, izda l-Artikolu 744 ta' l-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi hekk:*

*'Id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan jghoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni ghal ragunijiet ohra ma tistax tigi proposta quddiem il-Qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tieghu, f'dan il-kaz it-talba tal-konvenut jekk tkun konnessa mat-talba ta' l-attur ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 396 tista' issir quddiem kull Qorti ohra kompetenti f'Malta.'*

***Ghalkemm dan l-istess Artikolu jaghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 743 li jitkellem dwar il-gurizdizzjoni li tahta jaqa' kull rikonvenut f'kawza minnu proposta, ghal ragunijiet ta' pratticita' u anke ghall-ekonomija tal-gudizzju, l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artiklu 744 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija illi, meta l-kontrotalba ma tissuperax u ma tezorbitax il fuq mill-kompetenza tal-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tat-talba attrici sakemm il-kontrotalba tkun taqa' fil-binarji stabbiliti mill-Artikoli 396, 397 il-Qorti ghandha l-jedd li tiehu konjizzjoni anke ta' dik il-kontrotalba u tiddecidieha flistess gudizzju li fih tiddeciedi t-talba attriċi*** *(emfażi miżjuda)"*

9. Dan l-insenjament interessanti tal-Qorti tal-Maġistrati ġie miċħud mill-Onor Prim Imħallef Mark Chetcuti fis-sentenza fuq ċitata **Gheiti and Sons Limited v. Perit Arkitett Colin Zammit** billi skond il-Qorti, kif diġà ġie kkwotat 'l fuq f'din is-sentenza, fir-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħidhom f'eżistenza indipendenti w awtonoma u f'dan il-każ dan ma' setax jiġri peress illi kien hemm "*ostakolu insormontabbli*" għaliex il-kontrotalba kienet teżorbita l-kompetenza tal-Qorti u tali inkompetenza "*mhix waħda li tista' tiġi skartata la għall-ekonomija tal-ġudizzju u anqas għal nuqqas ta' dupplikar ta' proċedura*".

10. L-intimat rikonvenjent iċċita ukoll is-sentenza **Stephen Zahra v. Anthony Zahra** (mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 2005, 7/1995/2 PS). F'din il-kawża li kienet ġiet miftuħa fis-6 ta' Jannar 1995, it-talba tar-rikorrenti għas-somma ta' sitt mija u tlett Liri Maltin (Lm 603) ***"jew somma oħra verjuri"***, kienet ġiet milqugħa mill-Qorti li llikwidat is-somma dovuta f'dik ta' seba' mija u disghin Liri Maltin u ħamsa u sittin centezmu (Lm790.65). Il-kawża kienet ġiet miftuħa għal somma li dak iż-żmien kienet taqa' sew fil-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili peress illi l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet limitata għal mitejn u ħamsin Liri Maltin (Lm 250). Dan il-kompetenza imbagħad kien ġiet estiża xhur wara, sewwasew bl-Att Numru XXIV tal-1995, għal elf Liri Maltin (Lm 1,000). Il-Qorti għalhekk ma' tara xejn f'din is-sentenza li jista' jagħti sostenn lill-argumenti mressqa mill-intimat.

**Kunsiderazzjonijiet**

11. F'din il-kawża t-talba tal-kumpanija rikorrenti hija għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' xogħolijiet ta' kostruzzjoni eżegwiti minnha u risarċiment tad-danni subiti lilha meta l-intimat allegatament ittermina l-appalt mhux skond il-liġi. Min-naħa l-oħra l-kontrotalba tal-intimat hija għar-risarċiment tad-danni li sofra minħabba li l-istess xogħolijiet allegatament ma' sarux skond is-sengħa u l-arti u minħabba li allegatament ukoll kienet il-kumpanija rikorrenti li tterminat l-appalt mingħajr ġustifikazzjoni legali.

12. Skond l-Art. 396 u 397 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

'396. Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:

(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew

(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha

397. L-effett tal-kontro-talba, rigward il-proċedura, huwa dak li dwar it-talba oriġinali u l-kontro-talba jsir proċess wieħed u li ż-żewġ talbiet jiġu deċiżi fl-istess kawża.'

13. Jirriżulta ċar għalhekk illi li kieku mhux għall-kwistjoni tal-valur tat-talba tiegħu l-intimat kellu kull dritt li jintavola kontrotalba abbażi ta' dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi minħabba li l-pretensjonijiet tiegħu jidderivaw mhux biss mill-istess fatt iżda saħansitra mill-istess kuntratt li minnu toħroġ it-talba tal-kumpanija rikorrenti.

14. Fil-*Codice di Procedura Civile Italiano* l-leġislatur Taljan ħaseb b'mod speċifiku għal x'jiġri meta l-valur tal-kontrotalba jkun jiżboq il-kompetenza tal-Qorti:

*'Art. 36.*
*(Cause riconvenzionali)*

*Il giudice competente per la causa principale conosce anche delle domande riconvenzionali che dipendono dal titolo dedotto in giudizio dall'attore o da quello che già appartiene alla causa come mezzo di eccezione, purché non eccedano la sua competenza per materia o valore; altrimenti applica le disposizioni dei due articoli precedenti'*

F'każ illi l-kontrotalba tkun teċċedi l-kompetenza tal-Qorti li quddiem tkun ġiet intavolata, il-Qorti tista':

- jew tirrimetti lill-Qorti Superjuri iż-żewġ azzjonijiet (i.e. it-talba u l-kontrotalba) skond l-Art. 34 tal-istess Kodiċi:

  "*Il giudice, se per legge [124 c.c.] o per esplicita domanda di una delle parti è necessario decidere con efficacia di giudicato [324; 2909 c.c.] una questione pregiudiziale che appartiene per materia o valore alla competenza di un giudice superiore, rimette tutta la causa a quest'ultimo, assegnando alle parti un termine perentorio [153] per la riassunzione della causa davanti a lui [50, 307 3; disp. att. 125] (2).*"

- jew inkella tissepara l-azzjoni oriġinali mill-kontrotalba u tirrimetti biss il-kontrotalba lill-Qorti Superjuri skond l-Art. 35 tal-istess Kodiċi:

  *"Quando è opposto in compensazione un credito che è contestato ed eccede la competenza per valore del giudice adito (1), questi, se la domanda è fondata su titolo non controverso o facilmente accertabile, può decidere su di essa e rimettere le parti al giudice competente per la decisione relativa all'eccezione*

*di compensazione, subordinando, quando occorre, l'esecuzione della sentenza alla prestazione di una cauzione [119]; altrimenti provvede a norma dell'articolo precedente"*

15. Fil-liġi proċedurali Maltija ma' hemmx provdut b'mod speċifiku x'jiġri jekk il-kontrotalba teċċedi l-kompetenza *ratione valoris* tal-Qorti. Tipprovdi biss x'jiġri meta l-kontrotalba ma' tkunx taqa' **taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili**, f'liema każ skond l-Artikolu 743(1) "jaqa' wkoll taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili, kull min ikun rikonvenut f 'kawża proposta minnu."

16. Madanakollu i l-artikolu sussegwenti, ċioe l-Art. 744 tal-Kap. 12, jikkonferma illi r-rikonvenzjoni testendi biss il-ġurisdizzjoni u mhux il-kompetenza tal-Qorti tant illi dan jipprovdi illi l-Art. 743(1) japplika ukoll *"**meta r-rikonvenzjoni għal raġunijiet oħra, ma tistax tiġi proposta quddiem il-qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba** (sottolinear u emfasi miżjuda)."* f'liema każ, jekk naturalment il-kontrotalba tkun konnessa mat-talba tal-attur ai termini tal-Art. 396, *"**tista' ssir** (bħala talba separata) **quddiem kull qorti oħra kompetenti f'Malta"*** (sottolinear u emfasi miżjuda).

17. L-Art. 744 jagħmilha ċara illi jeżistu okkażjonijiet fejn ir-rikonvenzjoni ma' tkunx tista' tiġi proposta quddiem l-istess Qorti – mhux għax ma' japplikawx id-disposizzjonijiet tal-Art. 396, imma għal raġunijiet oħra – illi fil-fehma tal-Qorti jinkludu ukoll il-każ meta l-kontrotalba teċċedi l-kompetenza *ratione valoris* tal-Qorti. Għalhekk jkun *a contrario sensu* li l-Art. 744 jiġi interpretat skond kif ingħad minn din il-Qorti fil-kawża ċitata mill-intimat (**C. Fino & Sons Limited v. Neville u Antoinette konjugi Bonnici**) u ċioe illi *"meta l-kontrotalba ma tissuperax u ma tezorbitax il fuq mill-kompetenza tal-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tat-talba attrici sakemm il-kontrotalba tkun taqa' fil-binarji stabbiliti mill-Artikoli 396, 397 il-Qorti ghandha l-jedd li tiehu konjizzjoni anke ta' dik il-kontrotalba u tiddecidieha fl-istess gudizzju li fih tiddeciedi t-talba attriċi".*

18. Il-Qorti tara ukoll illi m'għandux mis-sewwa l-argument tal-intimati illi t-talba tiegħu taqa' taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti għaliex huwa talab l-ammont ta' € 5,000 *jew ammont ieħor verjuri*. Għalkemm huwa minnu illi bil-frażi "ammont ieħor verjuri" l-intimat qed jistieden lill-Qorti sabiex possibbilment tillikwida somma ikbar minn dik ta' ħames elef euro, dan ma' jġibx b'daqshekk illi l-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar ġiet eskluża għaliex kif jipprovdi l-Art. 748 tal-Kap. 12,

"meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata", il-valur tal-oġġett fil-kawża huwa determinat proprju minn dik it-talba, u l-Qorti iżżid, anke jekk is-somma determinata tkun ġiet kwalifikata mir-rikorrent bħala li tista' tkun iżjed jew inqas.

19. Il-Qorti għalhekk tqis li m'għandiex kompetenza li tieħu konjizzjoni tal-kontrotalba tal-intimat rikonvenjent.

**X'għandha tagħmel il-Qorti li tiddeċiedi li m'għandiex kompetenza *ratione valoris* sabiex tisma l-kawża**

20. Permezz tal-emendi li daħlu bis-saħħa tal-Att IV tal-2016 u l-Att XXXII tal-2018, l-Art. 741(b) issa jipprovdi illi meta l-Qorti tilqa' eċċezzjoni li l-kawża miġjuba quddiemha kellha tinġieb quddiem qorti diversa:

' il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:

Iżda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu ġew trasferiti l-atti tal-proċeduri jikkunsidraw li ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom, fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċevew l-atti tal-proċeduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha, fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeċiedi liema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża'

21. Il-Qorti tqis illi ġaladarba l-kontrotalba hija kawża awtonoma u independenti mit-talba tar-rikorrenti hija tista' tapplika d-disposizzjonjiet ta' dan l-artikolu sabiex fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex ma' jkunx hemm dupplikazzjoni bla bżonn ta' proċeduri ġudizzjarji, titrasferixxi il-kontrotalba – bħala azzjoni awtonoma – lit-Tribunal għal Talbiet Żgħar sabiex dan jieħu konjizzjoni tagħha. Madanakollu peress illi ordni bħal din tista' ssir biss permezz ta' digriet *in camera*, il-Qorti sejra toħroġ tali ordni b'mod separat fl-istess ġurnata li qed tagħti din is-sentenza *in parte*.

22. Naturalment, stante illi l-forma tal-kontrotalba li sejra tiġi trasferita m'hijiex fil-forma preskritta skond ir-Regoli dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, l-istess Tribunal jibqalu dejjem l-fakolta' illi ai termini tal-Art. 741(d) jagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha meħtieġa, soġġetti għal dawk it-termini u kondizzjonijiet kif jidhrilhom xieraq, sabiex is-smigħ tal-kawża jkompli skont il-ħtiġijiet formali u proċesswali li japplikaw quddiemu.

**Deċiżjoni**

23. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-kumpanija rikorrenti rikonvenuta u tiddikjara illi m'għandiex kompetenza *ratione valoris* sabiex tisma' l-kontrotalba tal-intimat. L-ispejjeż huma a karigu tal-istess intimat.**

V.G. Axiak | M. Azzopardi

Maġistrat | Dep. Reġistratur